MALTA

# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI TAL-KUMMERĊ)

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Illum it-18 ta' Mejju, 2018

Mandat ta' Inibizzjoni Numru: 679/2018/1 LM

**Unitrade Limited (C 9456)**

***vs.***

**DM Holdings Limited (C 8404) u Desmond Mizzi (K.I. 465463M), direttur, iben John u Doris née Caruana, imwieled u residenti Paola**

**Il-Qorti**,

Rat ir-Rikors tas-soċjetà rikorrenti **Unitrade Limited (C 9456)** li ġie ppreżentat fis-26 ta' April, 2018, li jgħid:

*Illi s-soċjetà esponenti, sabiex tikkawtela d-drittijiet tagħha tixtieq iżżomm l-intimati milli:*

1. *B'xi mod u manjiera, personalment u/jew bl-ingaġġ u/jew tramite terzi, direttament jew indirettament, l-intimat Desmond Mizzi, jissokta jaġixxi bħala s-surrogat fid-drittijiet tal-HSBC kontra l-Kumpannija skont is-surroga;*

2. *B'xi mod u manjiera, personalment jew tramite terzi, direttament jew indirettament, jittrasferixxu kwalunkwe assi tal-kumpannija Mizzi Group Limited (C 21948) b'dan illi jkomplu jiżvestuha mill-assi tagħha;*

3. *B'xi mod u manjiera, personalment jew tramite terzi, direttament jew indirettament, jittrasferixxu l-assi tal-intimati inkluż iżda mhux limitatament għall-*

   *(i) Ishma tas-soċjetà intimata D.M. Holdings Limited fil-kumpannija Mizzi Group Limited (C 21948);*
   *(ii) Ishma tal-intimat Desmond Mizzi fis-soċjetà intimata D.M. Holdings Limited; u/jew*
   *(iii) Jiddisponu bi kwalsiasi mod u manjiera, inkluż b'titolu oneruż u/jew gratuwitu, in parte jew in toto l-proprjetà immobbli ossia showroom bin-numru mitejn u erbgħin (240) mibni fuq is-sit li qabel kien okkupat minn żewġt idjar jisimhom 'Clover Leaf' u 'Ivy', Triq Żabbar, Paola, inkluż il-bini li jifforma parti integrali mill-kumpless li jinsab fuq wara tas-showroom u li tista' tidħol għalih ukoll minn Mater Boni Consigli, Paola, liberu u frank u bid-drittijiet u pertinenzi kollha tiegħu (JM11).*

   *Vide Dok. A*

*1. Illi s-soċjetà rikorrenti Unitrade Limited (C 9456) tippossjedi ħamsin fil-mija tal-ishma fis-soċjetà Mizzi Group Limited (C 21948) (minn hawn 'il quddiem imsejħa l-'Kumpannija') u hija reġistrata bħala azzjonista tal-istess Kumpannija (Vide JM1);*

*2. Illi s-soċjetà intimata D.M. Holdings Limited tippossjedi l-bqija tal-ħamsin fil-mija l-oħra tal-ishma u hija reġistrata bħala azzjonista fil-kumpannija (Vide JM1);*

*3. Illi l-intimat Desmond Mizzi huwa wieħed minn tliet (3) diretturi fil-kumpannija, bid-diretturi l-oħra jkunu l-azzjonista tas-soċjetà rikorrenti Joseph Vincent sive Jovan Mizzi u Joseph Tabone. L-intimat Desmond Mizzi huwa wkoll l-azzjonista ewlieni fis-soċjetà intimata D.M. Holdings Limited (vide JM2);*

*4. Illi l-kumpannija tifforma parti minn grupp ta' kumpanniji, liema kumpanniji (Mizzi Antiques Limited C 5794), Mizzi Contracting Limited (C 24172), Mizzi Home Furnishings Limited (C 22783), Mizzi Finance Limited (C22782), Millennia Limited (C22784), A.H.M. Limited (C 31084), Associated Asphalt (Malta) Limited (C 27375), u Birkirkara Developments Limited (C 26775) – uħud minnhom illum inattivi huma meqjusa bħala sussidjarji tal-Kumpannija;*

*5. Illi l-Kumpannija (u s-sussidjarji tagħha) tiġġestixxi negozju tal-familja Mizzi, primarjament ġestit mill-aħwa Joseph Vincent sive Jovan Mizzi (azzjonist tas-soċjetà rikorrenti), u l-intimat Desmond Mizzi (azzjonist tas-soċjetà intimata) (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ 'in-Negozju');*

*6. Illi lura fis-sena elfejn u ħamsa (2005), l-aħwa Mizzi ddeċidew illi fid-dawl ta' nuqqas ta' qbil dwar it-tmexxija tan-negozju, jaqsmu l-istess negozju bejniethom b'mod ġust u ekwu;*

*7. Illi permezz ta' ftehim datat 17 ta' Ġunju, 2005 (Vide JM3) imsejjaħ 'Business Valuation and Division / Restructuring Agreement' (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ 'il-Ftehim'), l-aħwa Jovan Mizzi u l-intimat Desmond Mizzi tramite s-soċjetajiet rispettivi tagħhom (ċioe s-soċjetà rikorrenti Unitrade Limited u s-soċjetà intimata D.M. Holdings Limited) ftiehmu, qasmu u allokaw lil xulxin l-assi u d-djun kollha tan-Negozju, u ċioe tal-Kumpannija u s-sussidjarji tagħha, li fihom l-aħwa Mizzi huma l-uniċi azzjonisti. Il-modus operandi tad-diviżjoni imbagħad tħalliet f'idejn tliet (3) mandatarji tal-fiduċja taż-żewġ naħat għall-fini ta' ekwiparazzjoni.*

*8. Illi a tenur tal-Ftehim, l-assi immobiljari tal-Kumpannija ġew allokati kif ġej:*

*(i) Lir-rikorrenti l-immobbli bl-isem Millennia, Aldo Moro Street, Marsa;*
*(ii) Lill-intimati messhom l-immobbli bl-isem @240, Żabbar Road, Fgura.*

*9. Inoltre, kull waħda mill-partijiet fil-Ftehim ġiet assenjata djun tal-kumpannija dovuti lill-bank HSBC Bank Malta plc (HSBC) relattivi għall-porzjoni rispettivi allokati. F'dan ir-rigward, is-soċjetà rikorrenti tagħmel referenza għall-klawsola 1.6 tal-Ftehim f'liema klawsola jiġi deskritt b'mod ċar l-obbligu tad-dejn illi kull parti għandha tħallas.*

*10. Illi kumplessivament, is-soċjetà rikorrenti u Jovan Mizzi personalment assumew l-obbligu tal-ħlas versu l-HSBC ta' tmien mija, għaxart elef, sitt mija u sebgħa liri Maltin u tnax-il ċenteżmu, illum ekwivalenti għal miljun tmien mija u sitta u tmenin elf, tmien mija u tmienja u tmenin ewro u tmien ċenteżmi (€1,886,888.08), filwaqt illi l-intimati assumew personalment l-obbligu tal-ħlas versu l-HSBC ta' erba' mija u sebgħa u tmenin elf, ħames mija u wieħed u disgħin liri Maltin illum ekwivalenti għal miljun, mija erbgħa u tletin elf disa' mija u tmienja u tmenin ewro u sitta u tletin ċenteżmu (€1,134,988.36).*

*11. Illi filwaqt illi r-rikorrenti bdew jagħmlu pagamenti skont il-Ftehim, l-intimati mhux talli naqsu illi jagħmlu tali pagamenti, iżda talli espliċitament iddikjaraw illi ma humiex lesti li jħallsu ammonti lill-HSBC.*

*12. Illi fil-25 ta' Ġunju, 2008, l-intimat Desmond Mizzi, in rappreżentanza tal-Kumpannija, u ad insaputa tas-soċjetà rikorrenti, deher fuq żewġ atti ppubblikati min-Nutar Robert John Muscat, kopja ta' liema qegħdin jiġu hawn annessi u mmarkati bħala 'Dok. JM4' u 'JM5' permezz ta' liema l-kumpannija rrikonoxxiet li hija debitriċi a favur tal-HSBC fl-ammont kumplessiv ta' żewġ miljuni, tmien mija u tlieta u ħamsin elf, ħames mija u erbgħa u għoxrin ewro u sbatax-il ċenteżmu (€2,853,524.17).*

*13. Illi fis-27 ta' Awwissu, 2009, HSBC bagħat żewġ ittri uffiċjali bin-numru 3130/09 u 3131/09 rispettivament (kopja ta' liema jinsabu hawn annessi u mmarkati bħala 'JM6' u 'JM7'), bl-intiż li jesegwixxi l-atti ppubblikati fis-sena 2008 surriferiti.*

*14. Illi pertinenti jingħad illi dawn l-ittri ntbagħtu fl-indirizz @240, Żabbar Road, Paola (il-proprjetà allokata lill-intimati permezz tal-Ftehim u li kienet u għadha qiegħda tiġi amministrata mill-istess intimati), u għalhekk is-soċjetà rikorrenti u l-azzjonist tagħha Jovan Mizzi ma setax kellhom għarfien fil-mument illi l-HSBC kien proprju qiegħed jesegwixxi ġudizzjarjament kontra l-Kumpannija. Sadattant Jovan Mizzi personalment kien qiegħed jagħmel depożiti minn żmien għal żmien sabiex jinqata' d-dejn tal-Kumpannija versu l-HSBC skont il-Ftehim.*

*15. Illi sussegwentement, l-HSBC istitwixxa proċeduri ta' subbasta sabiex jiġi liberat a favur tal-bank il-fond @240, Żabbar Road, Fgura.*

*16. Illi fit-18 ta' Mejju, 2010, l-intimat Desmond Mizzi fil-kapaċità tiegħu personali, deher fuq att ieħor ippubblikat min-Nutar Marco Burlò, fejn għal darb'oħra ad insaputa tas-soċjetà rikorrenti, l-intimat Desmond Mizzi personalment allegatament*

*ħallas il-bilanċ rimanenti tad-dejn tal-Kumpannija versu l-HSBC, u ġie surrogat fid-drittijiet tal-HSBC fil-konfront tal-Kumpannija (is-'Surroga') (vide JM10);*

*17. Illi pertinenti jingħad illi l-bilanċ rimanenti surriferit kien proprju dak id-dejn tal-Kumpannija illi lura fl-2005 u permezz tal-Ftehim l-intimati kienu assumew illi jħallsu personalment;*

*18. Illi nel frattemp, l-intimat Desmond Mizzi (direttur u azzjonist tal-Kumpannija) bħala surrogat fid-drittijiet tal-HSBC, u permezz ta' proċeduri ta' subbasta bin-numru 81/2009/GCD, proċeduri li kien inizjalment istitwixxa l-HSBC, akkwista animo compensandi l-proprjetà @240, Żabbar Road, Fgura, proprju dik il-proprjetà li skont il-Ftehim tal-2005 kienet assenjata lilu u li kienet okkupata minnu u s-soċjetà tiegħu, l-intimati;*

*19. Illi dwar id-diviżjoni skont il-Ftehim u l-ammont tal-ekwiparazzjoni, il-partijiet kontendenti għadhom f'diżgwid minħabba l-manuvri abbużivi tal-intimati;*

*20. Illi biex jitfa' l-melħ fuq il-ferita l-intimat Desmond Mizzi istitwixxa proċeduri a tenur tal-Artikolu 258 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta biex bħala surrogat fid-drittijiet tal-HSBC, jirkupra mingħand il-kumpannija li tagħha huwa direttur u azzjonista l-ammonti allegatament imħallsa minnu ai termini tal-kuntratt ta' surroga fl-2010 (u dan wara li personalment akkwista animo compensandi b'valur ħafna anqas minn dak tas-suq il-proprjetà tal-Fgura li kienet okkupata minnu).*

*21. Illi sadattant waqt laqgħa tas-soċjetà rikorrenti mal-HSBC dwar id-dejn tal-Kumpannija, l-istess HSBC ippreżenta rekords uffiċjali illi ma juru imkien il-ħlas li l-intimat Desmond Mizzi personalment allegatament għamel fl-2010 (vide 'JM8' u 'JM9') sabiex jaqta' d-dejn tal-kumpannija;*

*22. Illi indubbjament, l-intimati, u partikolarment l-intimat Desmond Mizzi, direttur tal-kumpannija, b'manuvri u eċċessi illegali u abbużivi, u bi vjolazzjoni tal-obbligi tiegħu qua direttur tal-kumpannija, iddefrawdaw lis-soċjetà rikorrenti azzjonista tal-istess, meta żvestew il-kumpannija mill-assi tagħha stess permezz tal-bejgħ b'subbasta surriferit meta l-intimat bħala direttur tal-istess kumpannija kien fl-interess u d-dover tiegħu illi jġib l-ogħla valur possibbli għall-immobbli relattiva u mhux l-inqas valur possibbli għal interessi personali tiegħu u a skapitu tal-interess tal-kumpanija u qiegħed ikompli jagħmel dan permezz tal-proċeduri istitwiti minnu riċentement.*

*Illi s-soċjetà esponenti se tiġi ppreġudikata jekk l-intimati ma jiġux inibiti kif ingħad.*

*Għaldaqstant, is-soċjetà esponenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tordna l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni biex iżżomm lill-intimati milli jkomplu jagħmlu l-ħwejjeġ hawn fuq imsemmija.*

*Fiċ-ċirkostanzi, is-soċjetà esponenti qiegħda titlob ukoll lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tilqa' dan il-mandat provviżorjament pendenti digriet finali.*

Rat id-digriet tagħha tas-26 ta' April, 2018 fejn laqgħet ir-Rikors provviżorjament u rriservat li tipprovdi b'mod definittiv fi stadju ulterjuri, u dan ai termini tal-artikolu 875(2) tal-Kap. 12.

Rat ir-Risposta tal-intimati **D.M. Holdings Limited (C 8404)** u ta' **Desmond Mizzi (K.I. 465463M)**(minn issa 'l quddiem "l-intimati"), ippreżentata fit-3 ta' Mejju, 2018, fl-atti ta' dan il-mandat, li tgħid kif ġej:

*Illi assolutament mhux minnu illi l-esponenti Desmond Mizzi għamel xi ħaġa minn wara dahar is-soċjetà rikorrenti Unitrade Limited jew altrimenti minn wara dahar ħuh Jovan Mizzi a detriment tal-kumpannija Mizzi Group Limited.*

*Il-verità hija waħda sempliċi. Mizzi Group Limited kellha tagħti ammont sostanzjali ta' flus lil HSBC Bank Malta plc ('HSBC') b'rabta ma' faċilitajiet bankarji avvanzati lilha mill-istess bank, liema faċilitajiet bankarji ma kinux qed jiġu onorati. Mizzi Group Limited sabet ruħha f'sitwazzjoni fejn kellha tiffirma kostituzzjoni ta' debitu sabiex jiġi evitat li HSBC tistitwixxi proċeduri ġudizzjarji kontriha. Sussegwentement, minkejja tali kostituzzjoni ta' debitu, Mizzi Group Limited baqgħet ma ħallsitx dak minnha dovut u HSBC kienet bdiet proċeduri għall-bejgħ in subbasta tal-fond 240, Żabbar Road, Fgura.*

*Jovan Mizzi kien jaf bil-proċeduri għas-subbasta istitwiti minn HSBC kontra Mizzi Group Limited u fil-fatt kellu l-ħsieb li jagħmel offerta hu stess li kieku l-esponenti*

*Desmond Mizzi ma kienx ser jagħmel offerta. Dan hu konfermat f'email li l-istess Jovan Mizzi kien bagħat lill-esponenti Desmond Mizzi fit-12 ta' Frar, 2010 (anness Dok. 'DM1'). Fl-imsemmi email, Jovan Mizzi avża lill-esponenti Desmond Mizzi li l-bejgħ tal-fond 240, Żabbar Road, Paola kien sar pubbliku tant illi terzi kienu kellmuh dwaru. Jovan Mizzi stqarr li hu ma kellux bżonn il-fond iżda kien tal-fehma li kellha tinstab soluzzjoni aktar onorevoli milli l-proprjetà tinbiegħ b'subbasta fuq istanza tal-bank. Għalhekk, Jovan Mizzi wara li stqarr li ma kienx ser jikkompeti kontra l-esponenti Desmond Mizzi fis-subbasta, talbu jindika x'kienu l-intenzjonijiet tiegħu sabiex fil-każ li l-esponenti Desmond Mizzi ma kienx ser jagħmel offerta, Jovan Mizzi kien lest li jagħmel sforz u jagħmel offerta hu stess.*

*Kien proprju għalhekk li ftit xhur wara, fit-18 ta' Mejju, 2010, l-esponenti Desmond Mizzi kien ħallas lill-HSBC b'surroga tad-drittijiet li l-bank kellu fil-konfront ta' Mizzi Group Limited u sussegwentement kompla s-subbasta minflok il-bank.*

*Ċertament, ma tistax is-soċjetà rikorrenti, li hija kumpannija kontrollata minn Jovan Mizzi, tiġi llum għaxar snin wara li saret il-kostituzzjoni ta' debitu fl-atti tan-Nutar Dottor Robert John Muscat, kważi tmien snin wara li saret il-liberazzjoni tal-fond 240, Triq Ħaż-Żabbar, Paola, a favur tal-esponenti Desmond Mizzi u tgħid li din saret minn wara daharha jew li altrimenti ma kinitx taf dwar is-subbasta. L-anness email juri biċ-ċar li Jovan Mizzi kien jaf bis-subbasta tant illi kieku l-esponenti Desmond Mizzi ma kienx ser jagħmel offerta, Jovan Mizzi kien ser jagħmel offerta hu stess. Kieku kien veru li l-kostituzzjoni ta' debitu u s-subbasta saru minn wara dahar Jovan Mizzi, dan ma kienx ser jistenna kważi għaxar snin biex iqajjem kontestazzjoni. Jirriżulta ictu oculi li Jovan Mizzi ħa ġurament falz meta kkonferma l-kontenut tal-mandat de quo.*

*Daqstant ieħor ma tistax is-soċjetà rikorrenti tallega, kif fil-fatt qed tagħmel fil-paragrafu 22 tad-Dokument 'A' anness mal-mandat de quo, li l-esponenti Desmond Mizzi iddefrawda lil Mizzi Group Limited jew altrimenti żvesta lill-istess kumpannija mill-assi tagħha bi ksur tal-obbligi tiegħu bħala direttur permezz ta' bejgħ bl-irkant li sar taħt l-awtorità tal-Qorti!*

*Ma rridux ninsew li bejgħ bl-irkant huwa proċess pubbliku, li jiġi mxandar fil-gazzetti ta' kuljum u fil-Gazzetta tal-Gvern, li jsir proprju taħt l-awtorità tal-Qorti fejn kulħadd jista' jipparteċipa u jagħmel offerta. Hija ereżija legali li jingħad li l-esponent Desmond Mizzi wettaq xi forma ta' frodi jew altrimenti żvesta lill-kumpannija Mizzi*

*Group Limited mill-assi tagħha permezz tal-proċedura tal-bejgħ bl-irkant taħt l-awtorità tal-Qorti.*

*Finalment, għall-kompletezza, issir ukoll referenza għal dak li tallega s-soċjetà Unitrade Limited dwar il-ftehim tas-17 ta' Ġunju, 2005. Bil-kontra ta' dak li tallega s-soċjetà Unitrade Limited mhux minnu li bis-saħħa tal-iskrittura privata tas-17 ta' Ġunju, 2005 il-partijiet għamlu xi qasma tal-proprjetà tagħhom b'mod definittiv għaliex, kif inhu magħruf, diviżjoni ta' assi immobiljari tirrikjedi att pubbliku u mhux sempliċi skrittura privata. B'dik l-iskrittura l-partijiet inkarigaw lil-Avukat Dr Tonio Fenech, lis-Sur Steve Orton u lis-Sur Tonio Zarb (imsejħin fil-ftehim bħala 'Valuation Committee'), sabiex konġuntement jagħmlu valutazzjoni tal-assi tal-kumpannija Mizzi Group Limited 'with a view to allowing for a proper division and distribution or otherwise a restructuring of such Business as well as of the Company's subsidiary ...[1]'*

*Huwa ċar li l-qasma, li fi kwalsiasi każ kellha ssir b'att pubbliku ad validitatem, kienet xi ħaġa li kienet għadha trid issir u kienet dipendenti fuq l-istima li kellha ssur konġuntament mill-Valuation Committee. Dan jirriżulta wkoll minn qari tal-klawsoli 1.2, 1.6 tal-istess skrittura. Ġara iżda li s-Sur Steve Orton irriżenja mill-Valuation Committee qabel ma dan temm l-inkarigu itegħu u għalhekk il-qasma baqgħet qatt ma setgħet issir u fil-fatt mhijiex ser issir. Għalhekk, kwalsiasi argument tas-soċjetà rikorrenti mibni fuq l-iskrittura datata 17 ta' Ġunju, 2005, jew l-eventwali interpretazzjoni tal-istess, huwa għal kollox bla bażi oltre li jaqa' lil hinn mill-kompetenza rationae materiae tas-Sezzjoni tal-Kummerċ ta' din l-Onorabbli Qorti.*

*Magħmula dawn il-kunsiderazzjonijiet preliminari, l-esponenti ser jittrattaw it-talbiet tas-soċjetà rikorrenti seriatim, fl-ordni li ġew proposti.*

***<u>L-Ewwel Talba</u>***

*Fl-ewwel talba tagħha s-soċjetà rikorrenti qed titlob li, 'B'xi mod u manjiera, personalment u/jew b'ingaġġ jew tramite terzi, direttament jew indirettament, l-intimat Desmond Mizzi, jissokta jaġixxi bħala surrogat fid-drittijiet tal-HSBC kontra l-kumpannija skont is-surroga.'*

---

[1] *Vide skrittura tas-17 ta' Ġunju, 2005 klawsola 1.1*

*B'din it-talba, is-soċjetà rikorrenti Unitrade Limited bħala azzjonista ta' Mizzi Group Limited (id-debitriċi) qed tipprova twaqqaf lill-esponenti Desmond Mizzi proprio (il-kreditur) milli jkompli jaġixxi bħala surrogat fid-drittijiet ta' HSBC kontra l-istess Mizzi Group Limited. Irid jiġi notat li din it-talba mhux qed tiġi diretta lejn is-soċjetà esponenti D.M. Holdings Limited.*

*Irid jiġi mfisser li din it-talba qed issir b'rabta mal-fatt li wara l-liberazzjoni tal-fond 240, Żabbar Road, Paola, l-esponenti Desmond Mizzi għad għandu sa llum pretensjoni għall-ħlas ta' bilanċ fuq il-kreditu li hu ġie surrogat fih permezz tal-kuntratt datat 18 ta' Mejju, 2010 fl-atti tan-Nutar Marco Burlò. Kien għalhekk, li reċentement l-esponent Desmond Mizzi ppreżenta rikors ai termini tal-Artikolu 258 (ċ) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, fl-ismijiet* **Desmond Mizzi vs Mizzi Group Limited,** *Rikors Numru 62/2018, sabiex jiġi awtorizzat jgħaddi għall-eżekuzzjoni tat-titolu eżekuttiv naxxenti mill-kostituzzjoni ta' debitu datata 25 ta' Ġunju, 2008, fl-atti tan-Nutar Dottor Robert John Muscat. L-imsemmi rikors għadu tutt'ora pendenti quddiem l-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Ċivili, presjeduta mill-Onorevoli Imħallef Dr Toni Abela, u jinsab differit għall-5 ta' Ġunju, 2018.*

*Il-mandat ta' inibizzjoni de quo ġie ppreżentat bħala reazzjoni għar-rikors għar-riattivazzjoni tat-titolu eżekuttiv preżentat mill-esponent Desmond Mizzi.*

*B'din l-ewwel talba tagħha, is-soċjetà rikorrenti Unitrade Limited qed tipprova tistultifika l-eżitu tal-imsemmi rikors għar-riattivazzjoni tat-titolu eżekuttiv u potenzjalment qed tipprova twaqqaf lill-esponent milli sussegwentement (kemm-il darba t-titolu eżekuttiv jiġi riattivat) jintavola mandati eżekuttivi kontra Mizzi Group Limited.*

*Jiġi sottomess illi s-soċjetà rikorrenti m'għandha l-ebda jedd prima facie sabiex tagħmel dan u m'hi ser issofri l-ebda preġudizzju irrimedjabbli biċ-ċaħda tal-mandat minnha mitlub, għas-segwenti raġunijiet:*

1. *Huwa legalment inkonċepibbli li jsir mandat ta' inibizzjoni sabiex kreditur li għandu titolu eżekuttiv jiġi mwaqqaf milli jistitwixxi proċeduri ġudizzjarji jew altrimenti jissokta bi proċeduri ġudizzjarji għat-twettiq ta' dak it-titolu eżekuttiv. Fi kliem oħra, ma jistax isir mandat kawtelatorju sabiex jitwaqqaf rikors għar-riattivazzjoni ta' titolu eżekuttiv jew sabiex kreditur jitwaqqaf milli jippreżenta*

*mandati eżekuttivi – vide f'dan is-sens* ***Sharon Tonna vs Dr Joseph Tonna***[2]*, u* ***Emanuel Ciantar pro et noe vs HSBC Bank Malta plc***[3]*, fejn ingħad li 'Il-proċedura ta' mandat ta' inibizzjoni ma tistax tiġi użata biex tistultifika jew iġġib fix-xejn sentenza finali ppronunzjata minn dawn il-Qrati flimkien mal-eżekuzzjoni tagħha.' Jiġi sottomess bir-rispett illi dan il-prinċipju japplika għal kull titolu eżekuttiv ieħor u l-eżekuzzjoni tal-istess.*

2. *Huwa legalment inkonċepibbli li jsir mandat quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Kummerċ) sabiex inter alia l-Prim Awla tal-istess Qorti Ċivili ma tkunx tista' tagħti digriet fil-kuntest ta' rikors għar-riattivazzjoni ta' titolu eżekuttiv li jkun sar ai termini tal-Artikolu 258(ċ) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Li kieku kellha tintlaqa' tali talba, is-Sezzjoni tal-Kummerċ tal-Qorti Ċivili tkun qed teżawtora lill-Prim Awla tal-istess Qorti Ċivili mill-kompetenza ġurisdizzjonali tagħha li tiddetermina r-rikors li għandha quddiemha.*

3. *Ma rridux ninsew li dan il-mandat mhux qed isir minn Mizzi Group Limited (id-debitriċi tal-esponenti Desmond Mizzi) iżda minn Unitrade Limited li hija azzjonista ta' Mizzi Group Limited. Wieħed jifhem illi dan il-mandat qiegħed isir ai termini tal-Artikolu 402 tal-Att dwar il-Kumpaniji, għax dik hi l-unika dispożizzjoni fil-liġi li tippermetti lil azzjonista ta' kumpannija li jagħmel talba konsimili. Il-kontenut tal-paragrafu 22 tad-Dokument 'A' anness mal-mandat de quo u l-fatt li dan il-mandat ġie ppreżentat quddiem is-Sezzjoni tal-Kummerċ tal-Qorti Ċivili ikomplu jikkonfermaw dan. Issa, kif ingħad* ***f'Torsten Haake pro et noe vs SOS IT Business GmbH et***[4]*, b'referenza għas-sentenza preċedenti fl-ismijiet* ***Saviour Ellis pro et noe vs Rita Ellis et***[5]*, l-Artikolu 402 tal-Att dwar il-Kumpanniji jista' biss jiġi invokat fuq il-bażi ta' ilment li, 'jrid ikun fuq it-tmexxija tal-affarijiet tal-kumpannija jew fuq att jew ommissjoni tal-kumpannija.' L-ewwel talba mressqa minn Unitrade Limited ma tirrigwarda bl-ebda mod it-tmexxija tal-affarijiet ta' Mizzi Group Limited jew xi att jew ommissjoni tal-istess, iżda Unitrade Limited qed tipprova twaqqaf kreditur tal-kumpannija Mizzi Group Limited, li inzerta wkoll direttur tagħha, milli jesegwixxi drittijiet naxxenti minn titolu eżekuttiv li għandu kontra l-istess kumpannija.*

---

[2] PA 505/2018/MCH deċ. 10.04.2018
[3] App. Ċiv. 1070/2014/SC/TM/JA deċ. 30.10.2015
[4] PA 356/16/JZM deċ. 28.09.2017
[5] QM (Għawdex) 2/2008/AE deċ. 04.02.2009

*Għandu jkun ċar li tali kwistjoni mhix kwistjoni interna li tirrigwarda t-tmexxija tal-kumpannija Mizzi Group Limited u allura tali kwistjoni teżorbita mill-ambitu tal-Artikolu 402 tal-Att dwar il-Kumpanniji. Dan hu konfermat mill-Professur Andrew Muscat li jikkonferma li, ' … a shareholder who settles a company's bank loan and takes over the bank's security without informing the other shareholders, should be regarded as having acted in his personal capacity and not as conducting the affairs of the company.[6]' Issa kif rajna, hawnhekk lanqas biss huwa każ fejn Desmond Mizzi aġixxa minn wara dahar Jovan Mizzi u għalhekk il-prinċipju japplika multo magis.*

*Minn dan jikkonsegwi li s-soċjetà rikorrenti m'għandha l-ebda dritt prima facie ai termini tal-istess Artikolu 402 sabiex titlob li l-esponenti Desmond Mizzi jiġi mwaqqaf milli jesegwixxi l-kreditu tiegħu. Kif ingħad preċedentement, din mhix sitwazzjoni fejn Mizzi Group Limited ġiet ostakolata milli tiddefendi d-drittijiet tagħha u għalhekk kellu jintervjeni l-azzjonist sabiex jittutela d-drittijiet tagħha. Anzi, Mizzi Group Limited ressqet risposta u ressqet provi fl-atti tar-rikors għar-riattivazzjoni tat-titolu eżekuttiv u qiegħda attivament tipparteċipa fl-istess tramite Jovan Mizzi. Għalhekk, ċertament ma kienx hemm l-ebda ħtieġa impellenti, jew preġudizzju irrimedjabbli, li kienu jinneċessitaw li s-soċjetà rikorrenti Unitrade Limited tipprova tikseb mandat ta' inibizzjoni sabiex tipprova twaqqaf lill-esponenti Desmond Mizzi milli jissokta bir-rikors għar-riattivazzjoni.*

4. *Il-liġi qed tipprovdi għal rimedju ad hoc permezz tal-Artikolu 281 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta li bih debitur jista' jattakka atti eżekuttivi ppreżentati minn kreditur tiegħu. La darba jeżisti tali rimedju u la darba m'hemm xejn li jżomm lil Mizzi Group Limited milli eventwalment tirrikorri għal tali proċeduri ma kien hemm l-ebda ħtieġa impellenti, jew preġudizzju irrimedjabbli, li kienu jinneċessitaw li s-soċjetà Unitrade Limited tipprova tikseb mandat ta' inibizzjoni sabiex twaqqaf lill-esponenti Desmond Mizzi milli jesegwixxi t-titolu eżekuttiv tiegħu fil-futur.*

***<u>It-Tieni Talba</u>***

*Bit-tieni talba tagħha, Unitrade Limited qed titlob li s-soċjetajiet esponenti jiġu inibiti milli 'B'xi mod u manjiera, personalment jew tramite terzi, direttament jew*

[6] A. Muscat, *Principles of Maltese Company Law,* p. 967

*indirettament, jittrasferixxu kwalunkwe assi tal-kumpannija Mizzi Group Limited (C 21948) b'dan illi jkomplu jiżvestuha mill-assi tagħha.'*

*L-esponenti jiddikjaraw illi huma m'għandhom l-ebda intenzjoni li jittrasferixxu xi proprjetà ta' Mizzi Group Limited u għalhekk il-mandat sar inutilment u huwa għal kollox intempestiv.*

*Evidentement, Desmond Mizzi huwa intenzjonat li jkompli jesegwixxi t-titolu eżekuttiv tiegħu tramite l-mezzi proċedurali eżekuttivi disponibbli lilu bil-liġi iżda, kif diġà sottomess għall-finijiet tal-ewwel talba, is-soċjetà rikorrenti Unitrade Limited m'għandha l-ebda jedd prima facie sabiex titlob l-inibizzjoni tal-esponenti Desmond Mizzi milli jagħmel hekk.*

***<u>It-Tielet Talba</u>***

*Bit-tielet talba tagħha, is-soċjetà rikorrenti Unitrade Limited qed titlob li:*

*(i) Is-soċjetà DM Holdings Limited tiġi inibita milli tittrasferixxi l-ishma li hija għandha fil-kumpannija Mizzi Group Limited.*

*Is-soċjetà esponenti DM Holdings Limited tistqarr li hija m'għandha l-ebda intenzjoni li tittrasferixxi tali ishma, għalhekk din it-talba saret inutilment u hija għal kollox intempestiva.*

*Fi kwalsiasi każ, u mingħajr preġudizzju għall-premess, ma jirriżulta l-ebda dritt prima facie li bih is-soċjetà rikorrenti tista' tippretendi li tista' twaqqaf lis-soċjetà DM Holdings Limited milli tiddisponi minn ħwejjiġha. Minn qari tad-Dokument 'A' anness mal-mandat de quo, ma jirriżulta l-ebda dritt prima facie li a bażi tiegħu, is-soċjetà Unitrade Limited tista' tinibixxi lis-soċjetà esponenti DM Holdings milli tiddisponi minn ħwejjiġha. Wisq inqas jirriżulta liema preġudizzju ser issofri s-soċjetà rikorrenti Unitrade Limited minn tali trasferiment.*

*Mill-ġdid, jiġi ribadit li s-soċjetà esponenti DM Holdings Limited m'għandha l-ebda intenzjoni li tittrasferixxi l-ishma li hija għandha f'Mizzi Group Limited, u d-dibattitu huwa għal kollox akkademiku, iżda xorta waħda t-talba ta'*

*Unitrade Limited qatt ma tista' tiġi akkolta għaliex l-elementi tal-jedd prima facie u tal-preġudizzju irrimedjabbli ma jissussistux.*

ii) *L-esponenti Desmond Mizzi proprio jiġi inibit milli jittrasferixxi l-ishma li hu għandu fil-kumpannija DM Holdings Limited. L-istess sottomissjonijiet magħmula fis-sezzjoni (i) supra jgħoddu hawn ukoll. Qatt ma għadda minn moħħ l-esponenti Desmond Mizzi li jittrasferixxi lil terzi l-ishma li hu għandu fil-kumpannija DM Holdings Limited.*

*Madanakollu u fi kwalsiasi każ, minn qari tar-rikors de quo ma jirriżulta l-ebda dritt prima facie li fuqu Unitrade Limited tista' tibbaża t-talba tagħha u ma jirriżulta l-ebda preġudizzju irrimedjabbli li jista' jidderiva mill-bejgħ ta' tali ishma. Dana kollu qed jingħad dejjem ex gratia argomenti għaliex l-esponenti Desmond Mizzi m'għandu l-ebda intenzjoni li jittrasferixxi l-imsemmija ishma u għalhekk il-mandat sar inutilment u huwa għal kollox intempestiv.*

iii) *L-esponenti Desmond Mizzi proprio jiġi inibit milli jiddisponi bi kwalsiasi mod u manjiera, inkluż b'titolu oneruż u/jew gratuwitu, in parte jew in toto il-fond 240, Żabbar Road, Paola.*

*Anki hawn japplikaw, bejn wieħed u ieħor, l-istess konsiderazzjonijiet magħmula aktar 'il fuq. L-esponenti Desmond Mizzi m'għandu l-ebda intenzjoni li jbiegħ jew li jiddisponi gratuwitament mill-imsemmi fond.*

*Aktar fondamentalment, ma jirriżulta l-ebda dritt prima facie li bih Unitrade Limited tista' tivvanta pretensjoni simili u ma jirriżulta bl-ebda mod xi preġudizzju irrimedjabbli li hija tista' ssofri konsegwentement għal tali dispożizzjoni.*

*Jekk Unitrade Limited bi ħsiebha tattakka l-liberazzjoni tal-istess fond li saret a favur l-esponent Desmond Mizzi konsegwentement għas-subbasta sabiex din il-proprjetà terġa' tidħol fil-patrimonju ta' Mizzi Group Limited, din kjarament mhix xi ħaġa li tirrientra fil-parametri tal-Artikolu 402 tal-Att dwar il-Kumpanniji għaliex ma tirrigwardax it-tmexxija ta' Mizzi Group Limited u ma tirrigwardax xi att jew ommissjoni ta' Mizzi Group Limited innifisha.*

> *Għalhekk, Unitrade Limited m'għandha l-ebda dritt prima facie sabiex tattakka l-liberazzjoni u għalhekk m'għandha l-ebda dritt li jistħoqqlu kawtela. Apparti dan, Unitrade Limited m'hi ser issofri l-ebda preġudizzju jekk it-talba tagħha ma tintlaqax, ladarba m'hemm xejn xi jżomm lil Mizzi Group Limited milli tipproteġi hija stess, b'mod dirett, l-eventwali drittijiet li jista' jkollha.*

*Finalment, u din is-sottomissjoni qed issir in via ġenerali fir-rigward tat-talbiet kollha tas-soċjetà rikorrenti, huwa prinċipju paċifiku li 'ħsara jew preġudizzju ma titqiesx bħala irrimedjabbli meta si tratta ta' telf pekunjarju ċioe telf ta' qliegħ jew flus.'*[7] *L-interess ta' Unitrade Limited bħala azzjonista ta' Mizzi Group Limited fl-assi tal-istess Mizzi Group Limited huwa wieħed ta' natura intrinsikament pekunjarja ossia valutabbli in termini monetarji. Bħala tali, dak kollu li s-soċjetà rikorrenti Unitrade Limited qed tallega ma jista' qatt iwassal għal xi forma ta' preġudizzju irrimedjabbli. Għalhekk, fuq daqshekk biss, jiġi għal kollox nieqes wieħed mill-elementi essenzjali għall-akkoljiment tal-mandat ta' inibizzjoni mitlub minn Unitrade Limited.*

*Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi jiġi sottomess bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti għandha tiċħad it-talba għall-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni de quo bl-ispejjeż a karigu tas-soċjetà rikorrenti.*

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha tar-Rikors.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-4 ta' Mejju, 2018 fejn ir-Rikors tħalla għal provvediment kamerali li qed jingħata llum.

Rat l-artikoli rilevanti tal-Kap. 12 relattivi għal mandati ta' inibizzjoni, u partikolarment l-artikoli 831, u 873 sa 877 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

---

[7] *Joseph Portelli et vs Vincent Micallef, PA 1736/2016/LM deg. 9/12/2016*

**Il-kwistjoni bejn il-partijiet**

Permezz tat-talba għall-ħruġ tal-mandat odjern, is-soċjetà rikorrenti qiegħda tagħmel tliet talbiet speċifiċi fil-konfront tal-intimati, senjatament, li Desmond Mizzi personalment u/jew bl-ingaġġ u/jew tramite terzi, b'mod dirett jew indirett, jiġi inibit milli jkompli jaġixxi bħala s-surrogat fil-jeddijiet tal-HSBC Bank Malta plc kontra Mizzi Group Limited, skont is-surroga, li jsir riferiment ampju għaliha f'dawn il-proċeduri. Mizzi Group Limited hija kumpannija li ż-żewġ azzjonisti uniċi tagħha huma s-soċjetà rikorrenti, li għandha ħamsin fil-mija (50%) tal-ishma, u s-soċjetà intimata li għandha l-ħamsin fil-mija (50%) l-oħra tal-ishma. Is-soċjetà rikorrenti qiegħda wkoll tittenta tinibixxi lill-intimati milli b'xi mod u manjiera, personalment jew tramite terzi, b'mod dirett jew indirett, jittrasferixxu kwalsiasi assi tal-kumpannija Mizzi Group Limited, b'dan illi jkomplu jiżvestuha mill-assi tagħha. Talba oħra tas-soċjetà rikorrenti hi sabiex l-intimati jiġu inibiti milli jittrasferixxu assi tagħhom inklużi ishma li l-intimati jista' jkollhom fis-soċjetà Mizzi Group Limited, ishma li Desmond Mizzi għandu fis-soċjetà D.M. Holdings Limited, u s-*showroom* mibnija fuq lok ta' żewġt idjar li llum jisimha '@240', f'Żabbar Road, il-Fgura.

L-intimati, min-naħa tagħhom wieġbu li l-Qorti m'għandhiex tilqa' dan il-mandat ta' inibizzjoni bit-talbiet kif postulati mis-soċjetà rikorrenti, u dan minħabba li huma mankanti l-elementi neċessarji sabiex jiġi milqugħ mandat ta' din ix-xorta. Il-kwistjoni bejn il-partijiet jidher li bdiet numru ta' snin ilu, meta huma ddeċidew li jaqsmu n-negozju tal-familja Mizzi bejniethom, u għal

dan il-għan ġew ingaġġati tliet professjonisti sabiex jivvalutaw l-assi u dak kollu kompriż fil-patrimonju ta' Mizzi Group Limited, u ġiet imfassla qasma (li madanakollu ma ġietx formalizzata b'att notarili, u għalhekk ma jistax jingħad li saret diviżjoni), sabiex Jovan Mizzi u Desmond Mizzi, li huma aħwa, jew personalment jew tramite n-negozju li jiġġestixxu, jibdew jamministraw l-assi u d-djun partikolari li missewhom. Jirriżulta li Desmond Mizzi deher fuq att ta' kostituzzjoni ta' debitu bid-data tal-25 ta' Ġunju, 2008, permezz ta' liema s-soċjetà Mizzi Group Limited irrikonoxxiet li hija debitriċi tal-bank HSBC Bank Malta plc fl-ammont ta' żewġ miljuni, tmien mija u tlieta u ħamsin elf, ħames mija u erbgħa u għoxrin Euro u sbatax-il ċenteżmu (€2,853,524.17). Jovan Mizzi jallega li dan kollu sar ad insaputa tiegħu. In segwitu għall-iffirmar minn Desmond Mizzi, tal-imsemmi att ta' kostituzzjoni ta' debitu l-bank HSBC Bank Malta plc ipproċeda ġudizzjarjament kontra l-partijiet f'din il-kawża sabiex jirkupra d-debiti dovuti lilu. Jovan Mizzi jallega li anki l-fatt li l-HSBC Bank Malta plc kien ipproċeda kontrihom ġudizzjarjament, inżamm mistur minnu. Konsegwenza ta' dan, l-intimat Desmond Mizzi fil-kapaċità personali tiegħu, deher fuq att ippubblikat min-Nutar Marco Burlò fit-18 ta' Mejju 2010, fejn ħallas il-bilanċ tad-dejn ta' Mizzi Group Limited mal-HSBC Bank Malta plc, u ġie surrogat fil-jeddijiet tal-bank kreditur fil-konfront ta' Mizzi Group Limited. Naturalment dan fisser li b'hekk Desmond Mizzi daħal fiż-żarbun tal-bank HSBC Bank Malta plc fi proċeduri ġudizzjarji li l-bank kien fetaħ kontra Mizzi Group Limited, sabiex il-proprjetà jew ossia s-showroom bl-indirizz '@240', Żabbar Road, Fgura, li Desmond Mizzi u s-soċjetà intimata kienu qegħdin

jagħmlu użu minnha għan-negozju tagħhom, ġiet liberata favur tiegħu *animo compensandi*.

In retroxena, is-soċjetà rikorrenti spjegat li dan l-aġir ta' Desmond Mizzi kien imur kontra l-ftehim espress u ffirmat bejn il-partijiet fis-17 ta' Ġunju, 2005, fejn kull parti kienet eżonerat lis-soċjetà Mizzi Group Limited milli tħallas id-dejn tal-HSBC Bank Malta plc, filwaqt li kull parti kellha tassumi parti mid-dejn u tassigura li dan jitħallas. Is-soċjetà rikorrenti tallegaw li filwaqt li hija bdiet jagħmlu l-pagamenti dovuti sabiex jitħallas id-dejn, mhux l-istess għamlu l-intimati.

Riċentement, Desmond Mizzi pproċeda ai termini tal-artikolu 258(ċ) tal-Kap. 12, sabiex bħala surrogat fil-jeddijiet tal-HSBC Bank Malta plc, jiġi awtorizzat jirkupra l-ammonti mħallsa minnu *per via* ta' debiti dovuti lill-istess bank HSBC Bank Malta plc, mingħand Mizzi Group Limited, inkluż, jekk ikun hemm il-ħtieġa, billi jippreżenta mandati eżekuttivi kontra l-istess kumpannija (Mizzi Group Limited), sabiex hu jkun jista' jiġbor dak dovut lilu. Il-lanjanza ewlenija tas-soċjetà rikorrenti hija fis-sens li filwaqt li l-intimat kien eżonera lis-soċjetà Mizzi Group Limited milli tħallas id-dejn li kellha kkuntrattat mal-HSBC Bank Malta plc, tant snin wara qiegħed jipproċedi biex jirriattiva titolu eżekuttiv li hu akkwista bis-saħħa tas-surroga fil-jeddijiet tal-bank, b'tali mod li ser ikun jista' jippreżenta mandati eżekuttivi kontra l-istess Mizzi Group Limited. Dan l-aġir jidher li instiga lis-soċjetà rikorrenti biex tagħti bidu għal dawn il-proċeduri, b'allegazzjonijiet ta' aġir abbużiv u frawdolenti da parti tal-intimat, li minflok ma aġixxa biex jimmassimizza l-prezz li bih inbiegħu assi tal-

kumpannija li hu wieħed mid-diretturi tagħha, u bħala azzjonist ta' ħamsin fil-mija tal-ishma *tramite* s-soċjetà D.M. Holdings Limited, ħaseb fl-interessi personali tiegħu u aġixxa biex akkwista proprjetà immobbli bi prezz aktar baxx mill-prezz tas-suq, kif ukoll billi issa qiegħed jagħmel użu mill-jedd li hu akkwista bħala surrogat fil-jeddijiet tal-HSBC biex jintavola mandati eżekuttivi kontra l-istess kumpannija Mizzi Group Limited.

**<u>Provi u riżultanzi</u>**

Is-soċjetà rikorrenti ppreżentat għadd ta' dokumenti in sostenn tal-pretensjonijiet imressqa minnha. Dok. JM3 esebit fl-atti ta' dawn il-proċeduri hu kopja tal-Ftehim datat is-17 ta' Ġunju, 2005, li permezz tiegħu s-soċjetà Unitrade Limited, is-soċjetà D.M. Holdings Limited, u s-soċjetà Mizzi Group Limited ipproponew il-ħatra ta' dak li ssejjaħ '*Valuation Committee'* sabiex jivvaluta n-Negozju kollu tas-soċjetà Mizzi Group Limited, bil-ħsieb li f'data futura tkun tista' ssir diviżjoni tal-assi kollha tal-kumpannija bejn il-partijiet. Jirriżulta madanakollu li l-qasma tan-negozju baqgħet ma saret qatt in vista tal-fatt li wieħed mill-membri tal-'*Valuation Committee'* irriżenja, u ma ġiex sostitwit. Is-soċjetà rikorrenti ppreżentat ukoll kopji taż-żewġ atti ta' kostituzzjoni ta' debitu li ffirma għalihom Desmond Mizzi f'isem Mizzi Group Limited, mal-bank HSBC Bank Malta plc, fil-25 ta' Ġunju, 2008. Fit-tieni att ta' kostituzzjoni ta' debitu ffirmat minnu fl-istess ġurnata mal-istess bank HSBC Bank Malta plc, Desmond Mizzi deher għan-nom tas-soċjetà Millennia Limited

bħala debitriċi, u għan-nom ta' Mizzi Group Limited bħala garanti. Jirriżulta mid-dokument JM7 esebit *a fol.* 40 ta' dawn il-proċeduri, li l-bank HSBC Bank Malta plc ipproċeda ġudizzjarjament kontra s-soċjetà Mizzi Group Limited fis-27 ta' Awwissu, 2009. In vista ta' dan, Desmond Mizzi pproċeda bl-iffirmar ta' att għall-ħlas u s-surroga fil-jeddijiet tal-bank kreditur, b'att ieħor iffirmat nhar it-18 ta' Mejju, 2010, fl-atti tan-Nutar Marco Burlò.

L-intimati min-naħa tagħhom ippreżentaw kopja ta' *email* li ġġib id-data tat-12 ta' Frar, 2010, mibgħuta minn Jovan Mizzi lil ħuh Desmond, fejn hu jagħmel riferiment għall-fatt li l-proprjetà bl-isem '@240', Żabbar Road, Fgura kienet ser tinbiegħ b'subbasta. Il-kontenut ta' din l-*email* qiegħed jiġi riprodott fl-intier tiegħu, u dan in vista tal-allegazzjoni tas-soċjetà rikorrenti li ma kinitx taf li l-bank kien ipproċeda ġudizzjarjament kontra s-soċjetà Mizzi Group Limited:

> *"The sale of @240 seems to have been made public as people are telling me about it.*
>
> *I do not need it but I think that if it sells we should do it in a slightly more honourable manner than have the bank dispose of it.*
>
> *I would not like to bid against you so please let me know of your intentions as if you do not intend to acquire it, I shall make an effort to do so myself."*

L-intimati ppreżentaw ukoll estratt tax-xhieda li nstemgħu quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-proċeduri bin-numru 62/2018 TA fl-ismijiet **Desmond Mizzi *vs.* Mizzi Group Limited**, li permezz tagħhom l-intimat qiegħed jipproċedi *ai termini* tal-Artikolu 258(ċ) tal-Kap. 12 biex jirriattiva titolu eżekuttiv sabiex bħala surrogat fil-jeddijiet tal-bank HSBC Bank Malta plc

jirkupra mingħand Mizzi Group Limited l-ammonti mħallsa minnu inkluż billi jkun jista’ jipproċedi b’mandati eżekuttivi għall-eżekuzzjoni tat-titolu eżekuttiv akkwistat minnu.

**Konsiderazzjonijiet legali**

Illi qabel ma tgħaddi biex telabora dwar it-talbiet u r-riżultanzi li għandha quddiemha, din il-Qorti tħoss li, in vista tal-eċċezzjoni mqajma mill-intimati dwar il-kompetenza *rationae materiae* tagħha, għandha tibda billi tgħarbel l-argumenti mressqa mill-partijiet dwar jekk il-proċeduri odjerni ġewx ippreżentati fil-forum korrett jew le. M’hemmx dubju li l-kwistjoni odjerna hija waħda ta’ xejra kummerċjali, emanenti minn diżgwid bejn żewġ azzjonisti u diretturi f’soċjetà kummerċjali, bit-tħassib ewlieni tas-soċjetà rikorrenti jkun jekk l-intimat Desmond Mizzi aġixxiex korrettement bħala direttur u bħala azzjonist *ai termini* tal-Att dwar il-Kumpanniji (Kap. 386 tal-Liġijiet ta’ Malta). Sa fejn it-talbiet ewlenin li qiegħda tressaq is-soċjetà rikorrenti huma talbiet intiżi biex jolqtu l-operat ta’ soċjetajiet kummerċjali, li huma regolati mill-Kapitolu 386 tal-Liġijiet ta’ Malta, il-Qorti hi tal-fehma li l-atti ta’ dan il-mandat ġew ippreżentati fil-forum korrett. L-artikolu 5A tal-Avviż Legali 396 tal-2003, kif emendat bl-Att I tal-2018 (L.S. 2.19) jistabbilixxi illi:

> “Għandhom jiġu assenjati lill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Kummerċ) rikors li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Qorti Ċivili u li huma relatati ma’ materji regolati mill-Att dwar il-Kumpanniji.”

Hekk sorvolata d-diffikultà dwar jekk din il-Qorti għandhiex il-kompetenza *rationae materiae* sabiex tieħu konjizzjoni tal-ilment imressaq mis-soċjetà rikorrenti, jifdal issa li l-Qorti tistabbilixxi jekk jeżistux l-elementi rikjesti sabiex tilqa' l-mandat kif mitlub.

Skont l-artikolu 873(1) tal-Kap. 12 li jistabbilixxi r-rekwiżiti ġenerali għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni, l-iskop ta' mandat ta' din ix-xorta huwa dak li jżomm persuna milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat.

Illi skont l-artikolu 873(2) tal-Kap. 12:

> "873. (2) Il-qorti m'għandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent *prima facie* jidher li għandu dawk il-jeddijiet."

Illi jirriżultaw minn dan l-artikolu tliet presupposti għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni:

(1) Ikun sejjer isir xi att li jista' jkun ta' preġudizzju għal xi jedd tar-rikorrenti. Il-periklu jkun għad-dritt fiż-żmien meħtieġ biex jinkiseb pronunzjament fil-mertu, 'l hekk imsejjaħ *periculum in mora;*[8]

---

[8] Ara f'dan is-sens **Sonia Grech *pro et noe vs. Stephanie* Manfre** – Q.A.,14.07.1988, Kollez.Vol. LXXII.ii.290 u **40, Main Street Catering Establishment Limited *vs.* L-Awtorità tal-Ippjanar**, P.A., 02.11.2010.

(2) Iż-żamma tal-imsemmi att tkun meħtieġa biex jiġi mħares dan il-jedd. Tenut kont tal-fatt illi s-subinċiż (2) huwa marbut mas-subinċiż (1) tal-artikolu 873 tal-Kap. 12, il-Qorti trid tqis ukoll l-element tal-grad ta' preġudizzju. Rikonoxxut il-jedd *prima facie* tar-rikorrenti, il-grad ta' preġudizzju rikjest sabiex jiġi akkordat il-ħruġ tal-Mandat, huwa wieħed "li ma jkunx jista' jiġi rrimedjat". Irid jingħad ukoll illi jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitneħħa, imqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ fil-mertu, jiġi nieqes dan l-element meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat.

Illi apparti dan, ħsara jew preġudizzju ma titqiesx bħala irrimedjabbli meta si tratta ta' telf pekunjarju ċjoè telf ta' qligħ jew flus. Di fatti, skont l-insenjament mogħti fid-digriet finali fl-ismijiet **Francis Barbara *et vs.* Carmelo Barbara *et***[9]:

> "Tqis illi huwa wkoll miżmum li l-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni ma jingħatax ġeneralment fejn il-pretensjoni ta' min jitolbu tkun waħda li tirreferi għal kumpens kwantifikabbli u ħlas ta' danni meta dan jista' jitħares b'rimedju proċedurali kawtelatorju ieħor skont il-liġi.";

Il-Qorti m'għandhiex toħroġ Mandat bħal dan jekk ma tkunx soddisfatta li l-imsemmi Mandat huwa neċessarju sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent u ċjoè dannu irrimedjabbli li jinneċċesita rimedju adegwabbli. F'deċiżonijiet oħrajn il-Qrati tagħna jkomplu jelaboraw fuq dak li jfisser dannu irrimedjabbli u l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-proċeduri fl-ismijiet **Angelo Xuereb *et noe vs.* Marin Hili *et noe*** (Rikors Numru 3135/94) tispjega:

[9] P.A., 13.05.2014.

> "… il-frażi 'tkun ta' ħsara' (fl-Art. 873(1) tal-Kap. 12) għandha tingħata interpretazzjoni li dak li qed jipprova jiġi inibit, jekk ma jiġix inibit, jista' jkun ta' preġudizzju fis-sens li mhux biss jikkawża ħsara però li jikkawża ħsara li m'hemmx alternattiva għalih almenu fil-mori tal-kawża jew li l-alternattiva hija sproporzjonata …".[10]

(3) ikun jidher *prima facie* li r-rikorrent għandu dak il-jedd. Il-liġi tħares il-jedd *prima facie* bħala rekwiżit meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat. Irid għalhekk, ikun jedd, anke jekk *prima facie*, biex jimmerita ħarsien. Mhux biżżejjed li jkun sempliċi diffikultà, disaġju jew tħassib. Dwar il-prova tal-jedd *prima facie*, l-Qorti tal-Appell, fid-deċiżjoni tagħha fl-ismijiet **Sonia Grech *pro et noe vs.* Stephanie Manfré**[11] sostniet is-segwenti:

> "... huwa rekwiżit oġġettiv u mhux soġġettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-ġudikant, jew il-jeddijiet jidhru *prima facie*, mal-ewwel daqqa t'għajn, jew ma jidhru xejn, għall-finijiet tal-ħruġ tal-mandat."

Illi jingħad ukoll illi l-fatt li tintlaqa' talba għall-ħruġ tal-Mandat, ma jfissirx li l-jedd ikun ippruvat. Kif daqstant ieħor ma jfissirx, illi għax talba għall-ħruġ ta' Mandat ma tintlaqax, allura l-jedd pretiż ma jeżistix. Mhux il-kompitu tal-Qorti fl-atti tal-Mandat tara jekk il-jedd pretiż huwiex suxxettibbli għal suċċess fl-azzjoni fil-mertu, iżda biss jekk il-jedd pretiż jikkwalifikax bħala tali għall-finijiet oġġettivi tal-liġi.

[10] Dan l-insenjament jirrifletti duttrina illi kienet diġà ġiet stabbilita u enunċjata preċedentement mill-Qrati nostrani fosthom, *inter alia*, fil-proċeduri fl-ismijiet **Avukat Dottor Victor Borg Grech vs. Joseph Gasan et** (Rikors Nru. 3984/92), **Victor Mizzi vs. Joseph Gasan et** (Rikors Nru. 4216/92) u fid-digriet fl-ismijiet **Perit John Gambina vs. Fithome Limited**, P.A., 28.01.2005.
[11] 14.07.1988, Kollez. LXXII.II.295.

Illi kulma hu meħtieġ, u fl-istess ħin huwa biżżejjed, għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni, li jkun hemm *fumus boni iuris*. Huwa loġiku li billi l-Mandat ta' Inibizzjoni huwa att kawtelatorju li jrid jinħareġ qabel ma jiġi aċċertat min għandu raġun fil-mertu, il-Mandat jinħareġ favur dak li "jidher", fi kliem l-istess liġi, mal-ewwel daqqa t'għajn li għandu raġun, jiġifieri b'mod verosimili jew plawsibbli, fi kliem ieħor b'mod li jitwemmen jew ikun kredibbli. Dan min-naħa l-waħda jeskludi pretensjonijiet li huma frivoli jew assurdi, jew saħansitra fejn hemm mera possibbiltà u min-naħa l-oħra jeskludi l-ħtieġa li l-pretensjoni jkollha probbabilità kbira li tintlaqa' fil-mertu. Dan hu konformi maċ-ċirkostanza li proċedura ta' din ix-xorta hija intiża sabiex tkun sommarja, billi mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bħal dan kulma jmissu jitressaq quddiemha, waqt is-smigħ tal-kawża dwar il-jedd. Dan billi fil-proċess dwar il-mertu, l-iskop hu li jiġi aċċertat x'inhu d-dritt fil-każ konkret, filwaqt li l-iskop tal-proċess għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni għandu biss il-funzjoni strumentali li jikkawtela pretensjoni ta' dritt, anke jekk din tista' ma tkunx fondata, sakemm ikun hemm pronunzjament ġudizzjarju dwar jekk hix tabilħaqq fondata fid-dritt jew le.

Mal-imsemmija tliet elementi espliċitament imsemmija mil-liġi, jistgħu jiżdiedu oħrajn, bosta minnhom elaborati mill-ġurisprudenza:

(4) Il-Mandat ta' Inibizzjoni huwa meqjus bħala mezz proċedurali ta' natura eċċezzjonali. Illi kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet **Charles Mugliett *vs.* Saviour Bonnici**:

"Illi … l-Mandat ta' Inibizzjoni huwa mezz proċedurali eċċezzjonali u mhux normali ta' provvediment legali. Il-ħarsien li l-liġi qegħda timmira għalih bi proċediment bħal dak tal-lum huwa li, mingħajr il-ħruġ tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu r-rikorrent jitneħħa darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli. Dan ma jfissirx li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni tintlaqa', ikun ifisser li l-jedd huwa ippruvat. Bħalma lanqas ifisser li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat bħal dak ma ntlaqax ikun ifisser li l-jedd pretiż ma jeżistix. It-tiftix li trid tagħmel il-Qorti huwa dak jekk, bl-għemil li minnu qiegħed jibża' r-rikorrent, jistax jintilef darba għal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li għandu filwaqt li ħareġ it-talba għall-ħruġ tal-Mandat."[12];

(5) "Ir-rabta ta' Mandat ta' Inibizzjoni m'għandhiex tintuża bħala arma ta' theddid jew ġegħiel *(arm twisting)* lill-parti intimata li, jew tagħmel dak li tixtieq il-parti rikorrenti jew ma tagħmel xejn. B'dan il-mod, il-Mandat ma jibqax għodda li tħares il-jedd *prima facie* tal-parti rikorrenti, imma ssir sarima li żżomm lill-parti intimata milli tgawdi l-jeddijiet tagħha. Il-Qorti hi tal-fehma li qatt ma kienet ir-rieda tal-liġi li l-Mandat ta' Inibizzjoni jinbidel f'arma bħal din."[13]

(6) Ir-rekwiżiti għall-ħruġ tal-Mandat huma kumulattivi mhux alternattivi. Għalhekk jekk xi wieħed minnhom ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għall-ħruġ tal-Mandat.[14]

---

[12] P.A., 25.01.2005.
[13] Ara sentenza fl-ismijiet **Avukat Dr John Gauci *vs.* Direttur tal-Kuntratti**, P.A., 18.07.2008.
[14] **Marica Cassar *et vs.* Del Sol Properties Limited,** P.A., 27.12.16.

**Ikkunsidrat:**

Jidher li l-azzjoni tas-soċjetà rikorrenti hi mibnija fuq il-fehma li l-intimat għandu jitwaqqaf milli jibqa' jaġixxi bħala surrogat fil-jeddijiet tal-bank HSBC Bank Malta plc, stante li jekk hu jibqa' jaġixxi b'dan il-mod, ser jikkawża dannu lis-soċjetà rikorrenti u lis-soċjetà Mizzi Group Limited. Il-Qorti għarblet sewwa ħafna dak kollu li ressqu l-partijiet għall-attenzjoni tagħha, kemm fir-rikors promutur, fir-risposta mill-intimati, kif ukoll f'dak li ttrattaw id-difensuri tal-partijiet. Sa fejn tista' tara l-Qorti, Desmond Mizzi, l-intimat, aġixxa sabiex ħallas id-djun tas-soċjetà Mizzi Group Limited, b'tali mod li b'hekk daħal fiż-żarbun tal-bank HSBC Bank Malta plc qua kreditur tas-soċjetà Mizzi Group Limited. F'dan l-istadju, Desmond Mizzi qiegħed jittenta jirriattiva titolu eżekuttiv miksub minnu bis-saħħa tas-surroga sabiex ikun f'pożizzjoni li jirkupra flejjes li hu ħareġ biex jagħmel tajjeb għad-dejn ta' Mizzi Group Limited. Minn dak li jidher *prima facie*, il-pożizzjoni tas-soċjetà rikorrenti qua d-djun ta' Mizzi Group Limited, mhix ser tinbidel sempliċiment għaliex minflok il-kreditur tagħha huwa l-HSBC Bank Malta plc, il-kreditur tagħha huwa Desmond Mizzi jew D.M. Holdings Limited, jew addirittura xi ħaddieħor, li ġie surrogat fil-jeddijiet tal-kreditur oriġinali. Din il-Qorti hi tal-fehma li hu għalkollox mankanti l-element tal-jedd *prima facie* li s-soċjetà rikorrenti trid tipperswadi lill-Qorti li għandha sabiex jirnexxilha twaqqaf lill-intimati milli jagħmlu l-atti li hi qed tipprova tinibixxi. Mhuwiex kumbinazzjoni li proprju meta quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili hemm pendenti proċeduri *ai termini* tal-artikolu 258(ċ) tal-Kap. 12, li s-soċjetà rikorrenti ddeċidiet li tittenta

twaqqaf permezz tal-proċeduri odjerni lil Desmond Mizzi jew lill-intimati milli jkomplu jaġixxu skont il-jeddijiet ta' surroga ttrasferiti lilu, u dan meta jirriżulta mill-provi li Jovan Mizzi, li qiegħed jidher għan-nom tas-soċjetà rikorrenti, kien jaf tul dawn is-snin kollha, bil-fatt li ħuh Desmond Mizzi kien ġie surrogat fil-jeddijiet tal-bank, u li bħala kreditur ta' Mizzi Group Limited kien tħallas parzjalment wara l-bejgħ b'subbasta tal-fond @240, Żabbar Road, Fgura, li ġie liberat favur tiegħu *animo compensandi*.

Il-Qorti lanqas mhi sodisfatta li jeżisti l-*periculum in mora* li s-soċjetà rikorrenti ser issofri xi preġudizzju jekk ma jintlaqax dan il-mandat. Ikun proprju bil-ħruġ ta' dan il-mandat li hemm riskju li s-soċjetà rikorrenti qua azzjonista tas-soċjetà Mizzi Group Limited, tista' ssofri l-preġudizzju li qiegħda tallega li ser issofri, stante li jekk jintlaqa' dan il-mandat hemm ir-riskju li l-proċeduri quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li nfetħu mill-intimat ai termini tal-Artikolu 258(ċ) tal-Kap. 12, jiġu mxekkla inutilment, u din il-pendenza tieħu ferm aktar ħin biex finalment tiġi riżolta. Inoltre din il-Qorti tinnota li assolutament m'hemmx il-ħtieġa għall-ħruġ ta' dan il-mandat jekk is-soċjetà Mizzi Group Limited trid tipproteġi ruħha mill-atti eżekuttivi li qiegħed jittenta jagħmel l-intimat jekk jirnexxilu jirravviva t-titolu eżekuttiv akkwistat minnu, stante li hemm rimedji proċedurali appożiti li s-soċjetà Mizzi Group Limited tista' tagħmel użu minnhom sabiex tipproteġi ruħha, kemm-il darba tħoss li għandha raġuni valida skont il-liġi biex tagħmel dan.

Rigward it-tieni u t-tielet talbiet imressqa mis-soċjetà rikorrenti fir-rikors promotur, sabiex Desmond Mizzi personalment jew tramite terzi, jiġi inibit

milli jittrasferixxi kwalunkwe assi ta' Mizzi Group Limited (C 21948), kif ukoll sabiex ikun hemm inibizzjoni fuq it-trasferiment tal-assi tal-intimati, din il-Qorti tosserva li anki hawn, huma mankanti għalkollox l-elementi rikjesti sabiex jintlaqa' mandat ta' inibizzjoni bħal dan. Is-soċjetà Mizzi Group Limited għandha rimedji proċedurali għad-dispożizzjoni tagħha jekk hi tixtieq li xi att eżekuttiv li ser jagħmel l-intimat jitħassar, jekk hemm raġuni valida skont il-liġi biex tagħmel dan. F'dan il-kuntest, hu għalkollox immaterjali l-argument tal-intimati li huma m'għandhomx il-ħsieb li jagħmlu l-atti li s-soċjetà rikorrenti qegħdin jittentaw jinibixxu. Dan mhuwiex mandat ta' inibizzjoni mressaq kontra l-Gvern jew xi entità tiegħu, u għaldaqstant tali kjarifika da parti tal-intimati, li huma ma kellhomx il-ħsieb li jagħmlu l-atti li l-mandat t'inibizzjoni qiegħed jittenta jwaqqaf, hi għalkollox irrilevanti u mhux meħtieġa. Li hu rilevanti għal din il-Qorti hu li s-soċjetà rikorrenti naqset milli turi b'liema mod għandha jedd *prima facie* x'tikkawtela billi tinibixxi lill-intimat jew lill-intimati milli jaġixxu bil-mod suġġerit, kif ukoll b'liema mod is-soċjetà rikorrenti ser issofri preġudizzju irrimedjabbli jekk l-intimati ma jiġux inibiti kif mitlub.

**<u>Decide</u>**

**Illi għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda tiċħad it-talbiet tas-soċjetà rikorrenti in vista tal-fatt li ma jirriżultawx l-estremi stipulati fil-liġi sabiex jintlaqa' mandat ta' din ix-xorta.**

**Tirrevoka *contrario imperio* d-digriet tagħha tas-26 ta' April, 2018 sa fejn kienet laqgħet it-talba provviżorjament.**

**Bl-ispejjeż ta' din il-proċedura jitħallsu mis-soċjetà rikorrenti.**

**Mogħti kameralment fit-18 ta' Mejju, 2018.**